## AĊĊETTA MINN IDEJH DAK KOLLU LI JOGĦĠBU JIBGĦATLEK

Fil-ħajja tagħna, kull wieħed u waħda minna ngħaddu minn mumenti diffiċli: il-piż ikun tqil, tara dlam biss, taħseb li Alla jkun ħallik waħdek, qalbek maqtugħa, solliev ta' xejn, dejjem nieżla f'bir bla qiegħ. X'ikun irid minna l-Mulej? Għalfejn jgħaddina minn dan kollu? Għalfejn dan il-mard? Għalfejn dawn il-problemi fil-familja jew fuq ix-xogħol jew mal-ġirien?

Għadna kemm bdejna sena ġdida u forsi għal xi whud diġa ġabet magħha xi nkwiet ġdid! Għalhekk illum nixtieq naqsam magħkom din l-ittra li Mons. Salv Grima kien kiteb lil Ġuża. L-ittra hija bla data u għalkemm indirizzata lil Ġuża iżda nistgħu faċilment napplikawha għalina lkoll. Kliem qaddis minn saċerdot qaddis. Jalla tkun ta' solliev u kuraġġ għalina u tgħinna naffrontaw din is-sena li bdejna b'aktar rassenjazzjoni.

Mons. Grima kiteb hekk: "Nixtieqek ħafna li televa il-menti tiegħek lejn Alla u taċċetta minn idejh dak kollu li jogħġbu jibgħatlek. Milli jidher is-Sinjur sabek denja li jxiddlek il-kuruna tax-xewk tiegħu u jpoġġilek fuq spallejk is-salib. Kemm hi ħaġa sabiha li tbati għall-erwieħ, li tgħin lil Ġesù isalva l-erwieħ. Ma ndunajtx li Alla qed jgħaddik mit-tbatijiet li għadda minnhom lil Ibnu? Ara, osserva ftit li Ġesù fil-passjoni sofra tliet xorta ta' martirji: il-martirju tal-qalb fl-Ort tal-Ġetsemani, il-martirju tal-ġisem fil-flaġelazzjoni u il-kroċifissjoni u l-martirju ta' l-ispirtu, fl-abbandun ta' Missieru fuq is-salib.

Issa milli jidher Ġesù jixtieq li dawn il-martirji jibqa' jkompli jsofrihom fil-persuna tiegħek. Ma thossokx kuntenta u onorata li tislef lill-persuna tiegħek lil Ġesù biex jibqa' jsofri fik? Dan li qed jiġri fik, din hija il-missjoni li Ġesù iridek taqdi bħalissa.
U il-posizzjoni tiegħek fil-ħajja spiritwali ma tifhimiex jekk ma tħarisx lejha taħt dan id-dawl. Possibbli għadek ma ndunajtx li Ġesù għalaqlek il-bibien kollha preċiżament biex tkun kroċifissa bħalu? Jiena il-qagħda tiegħek narha ċara, ruħ li Ġesù għamlilha l-unur li jtellagħha mieghu fuq il-Kalvarju, jħalliha hemm fuq. Sa kemm sejjer iħallik hemm? Dak hu biss



jafu. Biss oqgħod ċerta li waħdek ma hu sejjer iħallik qatt għax il-Bambin ġust. Jiena kullma ngħidlek kollu għan-nom ta' Ġesù ngħidlek. Allaħares kelli ngħidlek xi ħaġa għan-nom tiegħi. Kieku kelli ngħidlek xi ħaġa għan-nom tiegħi, ngħidlek biex ma tagħtix kasha, imma meta kullma ngħidlek huwa għan-nom ta' Ġesù, allura għandek toqgħod fuqu, serraħ moħħok u tara fl-ittri tiegħi l-kelma ta' Ġesù. Dan qed ngħidulek mhux b'suppervja imma b'konvinzjoni profonda, qawwija li Ġesù irid jinqeda bl-inqas wieħed fost il-Kleru Malti biex jitfa' qatra ta' konsolazzjoni nisranija u spiritwali fil-qalb imnikkta tiegħek.

Il-martirju tal-qalb qegħda ssofrih għax fit-tribulazzjonijiet li għaddejja minnhom, dejjem tħossok li qegħda taqa u donnu hadd ma jista' jipperswadik. Mhux hekk tħossok? Il-martirju tal-ġisem qegħda ssofrih mill-mard li tħoss u minn nuqqas ta' forzi li għandek. Il-martirju ta' l-ispirtu, nissaponi dan l-aktar li tħoss u l-aktar li jittormentak, tħossok waħdek, mingħajr għajnuna ta' ħadd, anqas il-konsolazzjoni tat-talb ma jibqagħlek għax jew ma tkunx tista' titlob, jew meta jirnexxilek titlob, tħossok qisek ma tlabt xejn. Kemm hi ħaġa tqila meta tħoss il-bżonn ta' l-għajnuna u din ma tiġi minn imkien! Anzi flok il-farag joqrob, tħossu donnu aktar jitbiegħed. Anke is-sema jiskot, pero il-ħsieb li dan kollu qed jippermettieh Alla u qed jippermettieh għall-ġid tiegħek, għandu jservik ta' konsolazzjoni u ta' faraġ.

Tbatijiet bħal dawn għandhom il-vantaġġi kbar tagħhom. L-ewwel ħaġa jgħallmuk tagħder iżjed lil Ġesù fit-tbatijiet tiegħu. Ruħ li tkun għaddejja minn dan kollu, il-meditazzjoni tal-passjoni tagħmilha aħjar u tipprofitta minnha aktar, u mhux ħaġa żgħira li ssir tagħder iżjed it-tbatijiet ta' Ġesù Kristu. Barra minnhekk, meta it-tbatijiet bħal dawn ir-ruħ tgħaqqadhom ma' dawk ta' Ġesù u toffrihom lill-Missier Etern għall-istess skop, għandha tibqa' ċerta li Alla l-imbierek johodhom u jqassamhom hu l-erwieħ. Inkeba iżjed fil-pjaga tal-kustat ta' Ġesù, kabbar iżjed il-fiduċja tiegħek fih, għidlu li int trid toqgħodlu għal kollox, għidlu li ma jimpurtax li ma tkunx kuntenta inti basta li jkun kuntent Ġesù.



1. Tippretendix li tifhem lil Ġesù kif jitratta mieghek għax il-ġudizzji tiegħu ma nifmuhomx.
2. Ġesù huwa Missier ta' ħniena nfinita u dejjem lest biex jagħder u jaħfer.
3. Ġesù jħobbna b'imħabba nfinita u jibqa' jħobbna kienu x'kienu in-nuqqasijiet.
4. L-aktar virtu li jixtieq jara fina hija l-imħabba mibnija fuq il-fiduċja fih, fiduċja illimitata li tista' tesprimiha b'din il-ġakulatorja: Ġesù, tant jiena ċerta li inti tħobbni li m'għandix dubju li m'intix sejjer tgħinni.
5. Mhux dak li nħossu huwa dnub imma dak li nkunu rridu. Elf tentazzjoni kontra l-imqaddsa purita ma jagħmlux dnub wieħed għax id-dnub qiegħed fil-volonta."

### Dikjarazzjonijiet ta' Mons. Grima dwar Ġuża Mifsud

Infakkar lill-qarrejja li Mons. Grima kien strumentali ħafna sabiex Ġuża tibda titkellem fil-pubbliku dwar id-dehriet li kellha mill-Madonna. Lil Ġuża kien jaħfha sa mis-snin ħamsin u baqa' jiddiriġiha sa' l-aħħar. Ma kienx jiddejjaq jistqarr il-fehema tiegħu dwar Ġuża u l-allegati dehriet tagħha. F'dikjarazzjoni ffirmata minnu fit-3 ta' Ottubru 1985, huwa qal hekk. "Ġejt mistoqsi fuq Ġuża Mifsud rigward it-titoli tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Madonna tal-Girgenti. Jiena, bħala konfessur tagħha, nista' ngħid li hi ġenwina ħafna u ta' min jorbot fuqha. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, ta' min jinkoraġġiha biex ix-xewqat tal-Madonna jseħħu."

Dikjarazzjoni oħra tiegħu ħarġet fil-berah fil-15 ta' Frar 1990 permezz tal-Kanonku Dun Ġwann Palmier. Din id-dikjarazzjoni ffirmata mill-Kanonku Palmier tgħid hekk:
"Jiena, hawn taħt iffirmat, Kan. Dun Ġwann Palmier, Prep. Tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta ... niddikjara minn rajja u bil-liberta' kollha, li snin ilu meta kienu qegħdin jixterdu xnieghat persistent dwar dehriet tal-Madonna lil waħda xebba mis-Siġġiewi u kien qed jissemma ħafna Monsinjur Salvatore Grima, meta dan kien għadu fl-aħjar tas-sensi tiegħu, jiena mort infittxu fid-Dar tal-Kleru biex nagħmillu xi mistoqsijiet dwar dan l-għajdut.



Għidtlu, 'Monsinjur, inti qiegħed tissemma ħafna dwar ċerti dehriet li l-Madonna għamlet u għadha tagħmel lil waħda xebba fis-Siġġiewi (Girgenti). Din hija xi ħaġa serja?' Huwa qalli bla tlaqliq: 'Dik ħaġa serjissima! Dik ix-xebba damet ħafna tiġi tqerr għandi. Issa ilha xi ftit ma' tiġi, imma nerġa ngħidlek li dik hija ħaġa serjissima.' Qalli wkoll li hi qegħda tiltaqa' ma ħafna tfixkil mill-Arċipriet tar-raħal, iżda b'dana kollu żgur ta' min jemminha.'
Din id-dikjarazzjoni qiegħed nagħmilha llum il-Ħamis, 15 ta' Frar 1990, wara li b'kumbinazzjoni ltqajt ma' Monsinjur Buontempo fis-sagristija ta' San Pawl tal-Belt, u dan qalli li kien sejjer is-Siġġiewi għal-laqgħa tal-Kumitat "Madonna tal-Konsagrazzjoni", u ġie d-diskors fuq dan is-suġġett."

### Qdusija tal-Kleru

Mons. Grima mar jiltaqa' mal-Mulej fis-27 ta' Jannar 1990. Kien iħobb ħafna l-Ewkaristija u anka waqqaf l-adorazzjoni għall-qdusija tal-kleru. Qegħdin fis-sena ddedikata lis-saċerdoti u għalhekk xieraq nagħlaq b'siltiet minn diskors li Mons. Grima kien għamel fid-dar ta' Ġuża Mifsud. "Jiena l-Madonna nitlobha li tqaddisni mhux għas-sodisfazzjon tiegħi imma għax naf li saċerdot qaddis jagħti glorja kbira lill-Bambin u ma nixtieqx li nċaħdu minnha dik il-glorja… Jien dik li qed nitolbu issa l-Bambin li jqaddisni… Iva, anka nitolbuha l-Madonna biex tqaddes is-saċerdoti tagħna għax jekk jitqaddsu s-saċerdoti l-poplu kollu jitqaddes, għaliex is-sekolari jersqu lejn Ġesù daqs kemm jimbutthom il-qassis, is-saċerdot. Allura aħna obligati nitolbu għas-saċerdoti, obligati nitolbu għalihom għal ħafna raġunijiet. Meta nkunu qegħdin immutu huma jkunu l-akbar konfort li jista' jkollna. Moribond ikun jaf li għandu saċerdot ma ġenbu dak il-ħin, u minn jaf kemm konverżjonijiet isiru madwar is-sodda tal-mewt mingħajr ma nindunaw biħom…
Jiena jiddispjaċini ma nistax ngħinha lil Ġuża iżjed milli qiegħed ngħinha il-għaliex saħħti ma tippermettilix iżda nista' ngħid bis-sinċerita kollha li jiena dejjem nitlob għaliha u nitlob għaliha b'dan is-sens biex dak li tixtieq il-Madonna minnha Ġuża tatijhulha u biex il-messaġġ tagħha isir magħruf iżjed u nemmnuh il-messaġġ tagħha u għandi naħseb jiena illi jekk kulħadd

jagħmel ħiltu, naħseb illi jekk kemm il darba kulħadd jagħmel is-sehem tiegħu jirnexxilna naraw li l-messaġġ tagħha jkun imxerred u aċċettat, għax mhux imxerred biss, ikun aċċettat u minn hekk joħroġ ħafna ġid…”

**Sylvana Spiteri LL.D**

## L-ASSEMBLEA ĠENERALI

L-Assemblea Ġenerali li tiltaqa’ kull tliet snin sabiex taħtar kumitat ġdid saret waqt il-laqgħa ta’ talb ta’ l-20 ta’ Settembru 2009 fil-Girgenti.

Wara li ntqal ir-rużarju u t-talba tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, inqraw il-minuti ta’ l-Assemblea Ġenerali ta’ qabel li kienet saret fis-17 ta’ Settembru 2006. Imbagħad il-President tal-Kumitat, il-Perit Philip Azzopardi, qara r-rapport amministrattiv li fih ta dettalji dwar il-ħidma tal-Kumitat fis-snin 2006 sa 2009. Wara kien imiss lil Dr. Sylvana Spiteri, il-Kaxxiera tal-Moviment, li qrat ir-rapport finanzjarju għall-istess perjodu.

Peress li tefgħu in-nomina tagħhom għaxar persuni, kif stabilit fl-istatut, ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir elezzjoni. Dawn kienu l-Perit Philip Azzopardi, Charles Catania, Doris Catania, Carmen Garzia, Kolina u Rosario Psaila, Alfred Micallef, Rose Piccinino, Dr. Sylvana Spiteri u Louis Xuereb.

Il-laqgħa mbagħad kompliet biċ-ċerimonja tal-qanpiena u talb ieħor.

L-ewwel laqgħa tal-Kumitat il-ġdid saret l-Erbgħa 14 ta’ Ottubru. Fil-bidu tal-laqgħa Philip Azzopardi u Sylvana Spiteri ġew rikonfermati bħala President, Segretarja u Kaxxiera rispettivament.

Nitolbu lkoll għal dan il-Kumitat sabiex jaħdem bis-sħiħ għall-akbar glorja tal-Mulej u sabiex is-siġra li ħawlet Ġuża Mifsud għad-unur ommna Marija tkompli tikber u tagħti frott bnin.

## TALBA

Sinjur Alla ta’ l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta’ mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta’ Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. Glorja lill-Missier...



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**J. Grixti minn tas-Sliema** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta’ Ġuża Mifsud qalgħet din il-grazzja. Hija tgħid, “Kont qegħda nitlob għal oħti u għal żewġha biex jgħaddi xi nkwiet li kellhom bejniethom. Darba, kien il-Ħadd filgħaxija, kienet sejra għax-xogħol u karozza li kienet ġejja sparata daħlet fil-ġenb tal-karozza ta’ oħti. Kellhom jisserraw il-karozza biex ħarġuha minnha, iżda oħti ħarġet mingħajr ebda girfa jew ksur. Il-karozza ġiet iddikjarata total loss.”

**R. A. mill-Marsa** kitbet li ħasset sidirha jintefaħ, marret il-clinic u ħadulha sample biex tiġi ttestjata. Ħasbu li hemm infezzjoni b’possibilta’ ta’ tumur warajha. Hi telgħet il-Girgenti u talbet ħafna lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud. Meta ħarġu t-testijiet irriżulta li kellha infezzjoni biss. Ta’ dan hi tirringrazzja lil Alla.

**S. Falzon mill-Mosta** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta’ diversi qaddisin oħra. Tgħid li t-tfal tagħha ġabu riżultati tajbin fl-istudju u li hi xi żmien qabel kienet waqgħet u lanqas setgħet timxi, pero meta marret għand it-tabib qalilha li ma kellha xejn serju. Tkompli tikteb hekk, “Jien dejjem nitlob lill-Madonna biex iżżomm il-ħarsin tagħha fuq il-familja tiegħi u fuqi għax hi ommna u tifhimna żgur fil-problemi tagħna.”

**K. D. minn Ħal Tarxien** kitbet hekk: Nieħu gost meta nirċievi l-fuljett Leħen il-Girgenti u l-ewwel li ma naqra huma l-grazzji maqlugħa. Nħosshom jimlewni b’aktar kuraġġ. Jiena naqla’ ħafna grazzji mingħand il-Madonna tal-Girgenti. Kieku kelli niktiblek il-grazzji li qlajt nibda ktieb u ma nispiċċaħx. Saħansitra mmur f’xi post u ma nsibx nipparkja. Nitlobha u dejjem nara xi karozza titlaq minn postha u nipparkja minn flokha. Il-Madonna tħarisna u tipproteġina l-ħin kollu.

**S. Scicluna minn Ħaż-Żebbuġ** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti qalgħet il-grazzji li kellha bżonn.

**F. Agius minn Birżebbugia** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna, fost grazzji oħra, qalgħet il-grazzja li reġgħet bdiet timxi.

**G. Bugeja miż-Żurrieq** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna, ta’ Ġuża Mifsud u ta’ San Ġużepp qalgħet il-grazzja li kellha bżonn. Tgħid li kellha qalbha għajjiena u anka li kellha l-ilma fil-pulmun iżda issa qalbet għall-aħjar.



# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 3 u 17 ta’ Jannar 2010 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta’ Frar 2010 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta’ Marzu 2010 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 4 ta’ April 2010 fil-5.30p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista’ jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta’ sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba’ kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD “Ix-Xejn Aħjar Minni” dwar il-ħajja ta’ Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor “Nitolbu ma’ Marija” li jinkludi r-rużarji b’leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista’ jakkwista wkoll santi bit-talba ta’ interċessjoni ta’ Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, keychains, DVDs u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 81 JANNAR 2010 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Mons. Salvatore Grima u Ġuża Mifsud. Mons. Grima kien id-Direttur Spiritwali ta’ Ġuża mis-snin ħamsin sa ma’ miet fis-27 ta’ Jannar 1990.**

**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu għas-sena 2010 lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta’ dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u ‘l proxxmu kollu. Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha.**